PDF Compressor Pro





L-Aġent President ta' Malta, Anton Tabone jieħu b'idejn il-Kmandant tal-Forzi Armati, il-Brigadier Martin Xuereb, qabel ħalla l-Port tal-Mġarr

# Imfakkar l-40 anniversarju tal-Forzi Armati ta' Malta

Fl-okkażjoni ta' l-erbgħin anniversarju tal-Forzi Armati Maltin, ġiet organizzata '*mini open day*' mill-armata fil-Port ta' l-Mġarr f'Għawdex. Għal din l-okkażjoni l-pubbliku seta' jitla' fuq dgħajjes tal-għassa tal-kosta u vetturi oħra li kienu sorġuti fil-Port ta' l-Mġarr. Għal din l-attività pparteċipaw fost oħrajn membri Għawdxin fil-*1st Regiment-Gozo Company* tal-Forzi Armati ta' Malta.

Għal din l-okkażjoni ġew organizzati wkoll żjajjar uffiċjali mill-Aġent President tar-Repubblika Anton Tabone kif ukoll minn Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex. Huma ġew milqugħa mill-Kmandant tal-Forzi Armati, il-Brigadier Martin Xuereb flimkien ma' uffiċjali oħra ta' l-armata u kienu akkumpanjati abbord il-*patrol boat* li kienet sorġuta ħdejn il-moll numru 3.

Ittellgħu żewg wirjiet mill-*Air Wing* u l-*Maritime Squadron* talistess armata. Saret dimostrazzjoni ta' salvataġġ b'ħelikopter u *board and search display* minn membri ta' l-RDT (*Rapid Deployment Team*).

Dawn l-attivitajiet mhux tassoltu kienu ta' attrazzjoni għal dawk li kienu fil-Port ta' l-Mġarr kif ukoll għall-passiġġieri li kienu qed jaqsmu l-fliegu fuq il-vapuri tal-*Gozo Channel*.



Il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, akkumpanjata mill-Brigadier Xuereb, tara u tifli dak li kien għaddej



It-tfal Elena u Nathan mir-Rabat, Għawdex jidhru jiflu wħud mill-oġġetti militari esebiti fil-Port tal-Mġarr

**MINN GĦAWDEX**



*ma'* **Charles Spiteri**



Wirja ta' salvataġġ b'ħelikopter, fil-Port tal-Mġarr



Martha ta' 7 snin, flimkien ma' missierha Julian Spiteri minn Għajnsielem fuq waħda mill-Patrol Boats tal-Forzi Armati ta' Malta



Membru tal-Forzi Armati juri lil Effie Mompalao, mir-Rabat, Għawdex, kif għandhom isiru l-għoqiedi


## Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott - *Hard Cover*




Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
**PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***